TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 203/14-F

**Moira Grech**
**vs**
**Patrick Sammut – Jada Jade Jewellery**

Illum 9 ta' Jannar, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Settembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' bejn tletin, u ħamsa u tletin ewro (€30/€35), rappreżentanti l-prezz ta' brazzuletta li wara li kienet waqgħet minn fuq il-kredenza dina ġralha l-ħsara, u minkejja li ħaditha għat-tiswija, din xorta baqgħet bil-problemi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet qalgħet *bangle* bħala rigal li tiswa tnejn u tletin ewro u ħamsin ċenteżmi (€32.50), u żelqet minn fuq il-kredenza u mad-daqqa taru l-kristalli minnha. Illi wara li ħaditha għat-tiswija, r-rikorrenti ma kinitx kuntenta bit-tiswija u fuq suġġeriment tal-intimat, hi ibbraxjatha taħt ilma nieżel u meta għamlet hekk il-kristalli reġgħu inqalgħu.

L-intimat issottometta illi huwa offra li jsewwihielha jew li tieħu oħra ġdida b'nofs prezz.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Il-*bangle* ġiet esebita quddiem it-Tribunal, fejn jidher illi nqalgħu kważi 25 kristalli.

It-Tribunal, wara li ra l-*bangle*, u jinnota l-ħsara li saret mill-istess rikorrenti u li *bangle* bħal din hija diffiċli sabiex issewwiha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888